# L-GĦEJUN TAL-VERITÀ DWAR IN-NATURA TAŻ-ŻWIEĠ

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Pontifikal ta' San Girgor**
**Parroċċa Kerċem – Il-Ħadd 15 ta' Marzu 2011**

### Il-bniedem mhuwiex sid tal-verità

Il-bnedmin maħluqa biex isibu l-verità u jgħixu skont il-verità. Meta l-bniedem ma jgħixx skont is-sewwa, jgħaddi ħajja miżera ħafna. Is-siltiet mill-Iskrittura li għadna kif qrajna (Ġen 2,7-9; 3,1-7; Rum 5,12-19; Mt 5,12.17-19) ikomplu jdawluna dwar kemm hi komplessa din l-esperjenza tat-tfittix tal-verità u li aħna nibqgħu sħaħ fil-verità. Adam u l-Eva jċedu għat-tentatur għax jagħmlilhom proposta li taqbel ħafna mal-bżonn li kien hemm f'qalbhom: "Alla jaf li dakinhar li tieklu minnu [il-frott], jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal allat li jafu t-tajjeb u l-ħażin" (Ġen 3,5). Billi għandu fih ix-xewqa naturali li jkun jaf it-tajjeb u l-ħażin biex jagħżel il-veru mill-gidba, il-bniedem ċeda għal din it-tentazzjoni. It-tentazzjoni ma kinitx biex ma jfittixx is-sewwa, imma dwar fejn seta' jfittex is-sewwa. Hawn kien l-iżball tal-ewwel bniedem: meta hu stess ried isir il-għajn ta' x'inhu s-sewwa, il-ħażin, il-veru u l-falz u hekk ma baqax jirrikonoxxi lil Alla bħala Alla li minnu aħna nsiru nafu x'inhi l-verità u x'inhu t-tajjeb. Din hija t-tentazzjoni tal-bniedem ta' dejjem, imma partikularment tal-bniedem tal-lum.

L-Evanġelju jirrakkonta l-esperjenza ta' Kristu fid-deżert fejn it-tentatur jipprova jfixklu billi jattakkah dwar il-verità, billi jnissillu dubju dwar il-verità: "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż ... Inxteħet għal isfel" (Mt 4,6). Din hija wkoll l-esperjenza tagħna l-bnedmin li kontinwament minn ġewwa u minn barra qed niġu kkonfrontati dwar x'inhi l-verità u jippruvaw inisslulna dubju dwar il-verità miksuba!

### Il-politika trid tinbena fuq il-verità

Qed naqra l-ktieb li ħareġ il-qdusija tiegħu l-Papa ftit tal-jiem ilu, it-tieni volum dwar Ġesù ta' Nazaret. Meta l-Papa jirrifletti dwar l-episodju ta' Kristu quddiem Pilatu, u dan jagħmillu l-mistoqsija impenjattiva dwar "x'inhi l-verità", il-Papa jgħid li hemm rabta bejn l-għarfien ta' Alla u l-għarfien tal-verità. Jekk il-bnedmin jagħmlu bħal Adam u Eva u jmorru kontra Alla, jeskludu 'l Alla u jinsew 'l Alla, allura anke l-għarfien ta' x'inhu veru jiddgħajjef – biex ma ngħidx li hemm riskju reali li nibdew insejħu veru dak li mhux!

Billi dan huwa djalogu ma' Pilatu li jirrappreżenta l-poter politiku, il-Papa jgħid illi l-verità hija kategorija politika. Huwa jinnota li ma jistax ikollna organizzazzjoni tajba tas-soċjetà jekk ma jkunx hemm rispett lejn il-verità. Fl-istorja kellna diversi dittaturi li bnew lilhom infushom fuq ideoloġija falza, allura ideoloġija li teskludi l-verità. Meta poplu jitmexxa minn dittatura huwa poplu mneżża' mid-drittijiet fundamentali tiegħu. Għalhekk il-Papa jgħid li din l-esperjenza ta' Pilatu quddiem Kristu lill-bniedem tal-lum għandha ġġiegħlu jirrifletti dwar l-organizzazzjoni politika. Hemm bżonn nerġgħu niskopru l-verità għax inkella jkollna diversi forom ta' dittatura. Huwa minnu li, kif josserva Benedittu XVI, għal xi politiċi l-verità hija fastidjuża! Din tiftiehem għaliex il-verità minnha nnifisha timponi ruħha u għalhekk dak li jkun ma jistax jagħmel li jrid. Biex ikun ħieles minn kull irbit, il-bniedem falz jipprova jnissel dubju u jkisser il-verità. Jekk irridu li jkollna soċjetà vera, soċjetà mibnija fuq il-verità, ma nistgħux ma jkollniex soċjetà li hija miftuħa għal Alla; ma jistax ikollna soċjetà li teskludi r-riferiment għal Alla.

### In-natura taż-żwieġ

Fil-kuntest li qegħdin ngħixu bħalissa nħossni fid-dmir li niġbed l-attenzjoni dwar din il-qagħda preżenti. Il-Papa San Girgor kien jgħid illi gwaj għal dak l-Isqof li ma jipprietkax il-verità u ma jgħallimx il-ġemgħa, għaliex mhux denn li jissejjah isqof. Jiena ma rridx inkun wieħed minn dawn. Fiċ-ċirkostanzi attwali, meta qed nitkellmu dwar realtà daqstant importanti bħalma hu ż-żwieġ, għandna dan il-fenomenu. X'inhi l-verità dwar iż-żwieġ? Din il-mistoqsija għandha ssir lil kull wieħed u waħda minna – u jeħtieġ inkunu ċari fit-tweġibiet tagħna jekk irridu nkunu veritieri, minkejja li l-verità hija iebsa; inkella nkun minn dawk li nsieħbu l-gidba u nibdew insejħu żwieġ dak li mhux. X'inhi l-verità u l-verità ta' Alla dwar iż-żwieġ?

Għandha żewġ toroq biex naslu għal din il-verità. Hemm dak li tgħidilna r-raġuni – dan huwa diskors illi suppost jagħmlu kull bniedem; u hemm il-verità li ġejja mir-Rivelazzjoni, jiġifieri minn dak li Alla rrivela lill-poplu tiegħu. Dawn iż-żewġ toroq mhumiex kontra xuxlin peress li l-verità hija waħda. Sew dak li tiskopri r-raġuni u sew dak li tikkonfermalna l-Kelma t'Alla dwar iż-żwieġ hija verità waħda: illi ż-żwieġ min-natura tiegħu huwa żwieġ dejjiemi – żwieġ illi ma jinħallx. Nifhem li għal xi wħud din il-verità hija skomda u fastidjuża! Nagħmlu attenzjoni għaliex bħalma ġralhom il-ġenituri ewlenin tagħna Adam u Eva, aħna wkoll qegħdin niġu ttentati nwarrbu lil min jista' jgħallimna l-verità. Bħalma ġralu Kristu, aħna qegħdin niġu assedjati minn min irid inisslilna dubju dwar il-verità taż-żwieġ.

### L-għejun tal-verità morali: il-liġi naturali u l-liġi divina

Fl-1904 il-Papa Piju X ħareġ l-enċiklika *Iucunda sane* biex ifakkar it-tlettax-il ċentinarju mill-mewt tal-Patrun tagħna San Girgor il-Kbir. Fost aspetti oħra, il-Papa jippreżenta lil San Girgor, li kien teologu u filosofu,

bħala dak illi għallem x'inhi l-verità billi mexa fuq iż-żewġ toroq li semmejna. Hu jfisser li l-għajn hija waħda: dik li tissejjaħ il-liġi divina. Imbagħad hemm żewġ modi kif il-bniedem jasal għal għarfien ta' din il-liġi t'Alla. Permezz tar-raġuni huwa jasal biex jagħraf il-liġi naturali, jiġifieri dik il-liġi komuni għall-bnedmin kollha, liema liġi ma tahielna ħadd ħlief Alla. Din mhix liġi maħluqa mill-bnedmin – mhix liġi umana; qiegħda mnaqqxa fin-natura umana, u aħna hemm bżonn niskopruha.

San Girgor jgħallem ukoll li hemm il-liġi divina pożittiva, jiġifieri r-Rivelazzjoni: dak li għandna fil-kelma f'Alla li nsibu fl-Iskrittura.

Nistqarr li fraħt x'ħin jien u naqra dwar San Girgor sibt dan id-dawl għax dan it-tagħlim huwa ħafna attinenti għaż-żminijiet tal-lum, peress li anke aħna għandna bżonn illi nkunu konvinti li l-għajn tal-verità huwa Alla u li hemm żewġ modi kif naslu għaliha, anke dwar in-natura taż-żwieġ. Iż-żwieġ huwa realtà umana, u allura hemm il-liġi naturali li titkellem fuqu. Għalina l-Insara ż-żwieġ huwa wkoll sagrament, u għalhekk hemm il-liġi divina pożittiva, partikularment it-tagħlim ta' Kristu li huwa ċar u li jikkonferma dak li tgħid il-liġi naturali.

Fl-enċiklika li semmejt aktar 'il fuq, il-Papa Piju X jgħid li San Girgor kien jgħix fi żmien meta ċ-ċiviltà antika kienet sejra l-baħar u l-Barbari kienu qegħdin jespandu l-attività vjolenti tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Papa San Girgor il-Kbir b'qawwa jgħallem din il-verità u jagħti dawn l-istrumenti biex il-bniedem jiskopri x'inhu s-sewwa u hekk iwaqqaf il-mewġa negattiva tal-qerda taċ-ċiviltà.

Da parti tiegħi nħoss li huwa dmir tiegħi li quddiem din il-kultura tagħna li, kif semmejna fl-aħħar Ittra Pastorali, qed tinbidel b'ritmu mgħaġġel – speċjalment il-kultura dwar iż-żwieġ u l-familja –, jiena nħeġġiġkom biex tieqfulha u tħabbru intom stess il-bxara t-tajba taż-żwieġ. Aħna wkoll għandna min hu "Barbaru" u qiegħed jipprova jkisser iż-żwieġ li huwa l-fundament tas-soċjetà! Il-Papa Piju X jgħid li San Girgor irnexxielu jiddjaloga mal-Viżigoti fi Spanja, għaraf jittratta mal-Barbari qabel ma daħlu Ruma, fetaħ toroq ġodda ta' evanġelizzazzjoni mal-pagani, mhux biss għax f'idu kellu l-Evanġelju imma wkoll għax kien jgħallem illi l-verità nistgħu naslu għaliha permezz tal-liġi naturali.

Kemm hu diskors illi jeħtieġu l-bniedem tal-lum! Għaliex meta nisma ċerta kritika lejn il-pożizzjoni tagħna bħala Knisja dwar iż-żwieġ u jkun hemm min jitlobna nagħlqu fommna għax kliemna huwa konfessjonali, bħala ċittadin dan joffendini qatiegħ u għandu joffendi wkoll lilkom! Tassew li d-diskors tagħna huwa mnebbaħ mir-Rivelazzjoni, u għalhekk huwa mdakkar mill-fidi; imma diskorsna għandu fundament razzjonali, għandu bażi fuq ir-raġuni umana. Jiena nissuspetta kemm argumenti oħra għandhom fundament fuq ir-raġuni!

San Girgor fejn għallem dak li jirreferi għalih San Piju X f'din l-enċiklika? Ħafna mit-tagħlim ta' San Girgor huwa dwar l-imġieba tagħna l-bnedmin, allura dwar l-etika u l-morali. Hu jitkellem dwar l-etika u morali fil-kummentarju li għandu dwar il-ktieb ta' Ġob, magħruf bħala *Moralia in Job*, anzi hemm min isejħilhom *Magna Moralia*. Hawnhekk San Girgor jinnota li Ġob kien minn Għus, art 'il barra mill-Art Imqaddsa, u għalhekk ma kienx jagħmel parti mill-poplu t'Alla. Ġob ma kienx Lhudi. Kien pagan, Ġentili. Minkejja li ma kienx minn ħdan il-poplu t'Alla, u għalhekk ma kellux il-gwida tal-liġi ta' Mosè, jiġifieri l-kmandamenti li Alla ta lil Mosè, xorta waħda l-awtur sagru jiddeskrivi lil Ġob bħala "raġel perfett u tajjeb, jibża' minn Alla u mbiegħed mill-ħażin" (Ġob 1,1). Imbagħad San Girgor jistaqsi kif Ġob, li bħala pagan ma kienx jaf x'tgħid il-liġi pożittiva t'Alla, jiġifieri l-kmandamenti, kellu l-ħila jkun raġel tajjeb, raġel li jgħix skont il-verità. San Girgor jgħid li Ġob kien *qui sine lege, legaliter vixit* (*Mor. Job*, Pref., ii) – kien mingħajr il-liġi imma kien jgħix skont il-liġi. Il-kuntrarju tagħna: aħna nies li għandna l-liġi, imma ngħixu daqslikieku m'għandniex liġi.

Billi ma kienx Lhudi, Ġob ma kellux il-liġi tal-kmandamenti – dik il-liġi divina pożittiva li Alla lissen u ta lil Mosè. Minkejja kollox, però, Ġob kien jgħix skont il-liġi – mhux il-liġi pożittiva imma l-liġi naturali li hemm miktuba fil-qalb ta' kull bniedem. Għalhekk San Girgor jirraġuna li għalkemm Ġob ma kellux il-vantaġġ illi jkun jaf xinhi l-liġi li Alla ta lil Mosè fuq it-twavel, bl-użu tar-raġuni huwa għaraf il-liġi li Alla kiteb fuq il-qlub. Allura San Girgor ikompli jesplora u jgħid kif għandna dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni: hemm dawk li għax għarfu lil Alla u l-liġi li hu tana jgħixu skont din il-verità; u hemm dawk li, għalkemm ma jgħixux bil-fidi, għandhom ir-raġuni u jgħixu skont l-istess verità.

## Żewġ toroq, verità waħda

San Girgor jaqsam l-umanità bejn "il-ħmir" u "l-għoġiela": tal-ewwel huma l-pagani jew Ġentili, waqt li tat-tieni huma l-Lhud. Hemm relazzjoni bejn il-pagani li għandhom il-liġi miktuba f'qalbhom u l-Lhud li għandhom it-twavel tal-liġi – it-Torah (*Mor. Job*, VII, vii.). Skont San Girgor dawn qishom il-ħmar u l-għoġol. Il-pagani, li jxebbahhom mal-ħmir, jimirħu mingħajr l-ebda rabta; il-Lhud, li jqabbilhom mal-għoġiela, għandhom il-madmad u trawmu fl-istalla, imma xorta waħda jimirħu. Il-ħmir m'għandhom l-ebda madmad għax m'għandhom l-ebda liġi divina pożittiva; filwaqt li l-għoġiela għandhom il-madmad tal-liġi pożittiva t'Alla: dan il-madmad jgħin lill-għoġiela jimxu dritti u f'direzzjoni flimkien. L-istess għoġiela jkollhom it-taħriġ tagħhom fl-istalla, fis-sens li jirċievu ċerta formazzjoni. Imma kemm l-għoġiela u kemm il-ħmir, it-tnejn jieklu l-istess għalf: il-ħaxix.

X'ħin jitkellem dwar il-ħaxix, San Girgor, li għandu seħer fil-mod kif jinterpreta l-Iskrittura, filwaqt li jirreferi għal Isaija li jgħid li "kull bniedem huwa ħaxix" (40,6), jgħid li dan l-għalf huwa Ġesù Kristu. Il-Papa San Girgor jgħallem li l-Ħallieq tal-univers sar bniedem – ried isir ħaxix biex il-bniedem ma jibqax ħaxix li jinxef. Ġesù meta sar bniedem u għammar fostna sar ikel u x-xorb għall-bnedmin kollha. Billi f'Betlem fil-maxtura kien hemm il-ħaxix u dan il-ħaxix huwa l-Iben t'Alla li sar bniedem,

kemm il-ħmir (il-pagani) kif ukoll l-għoġiela (il-Lhud) setgħu jieklu l-istess ħaxix li hu Kristu li sar bniedem. B'dan il-mod kemm dawk li jużaw ir-raġuni kif ukoll dawk li għandhom l-għajnuna tal-fidi jsibu l-milja u t-twettieq tagħhom fi Kristu. Kristu huwa dak li pperfezzjona l-liġi ta' Mosè; Kristu huwa dak li bil-grazzja għinna ħalli r-raġuni tagħna mċappsa bid-dnub kemm jista' jkun ma tagħmilx żbalji. Għalhekk kemm il-waħda kemm l-oħra, iż-żewġ għejun iwassluna għall-istess verità.

### Għemil tajjeb u għemil ħażin

San Girgor jinnota li anke dawk li jbarru lil Kristu u jagħlqu qalbhom għat-tagħlim ta' Kristu, xorta jafu jekk l-għemil tagħhom huwiex tajjeb jew ħażin. Proprju għax jafu li jkunu jonqsu, ħafna drabi jinħbew min-nies biex għemilhom ma jħammrilhomx wiċċhom. Għax kif jingħad fil-Ktieb tal-Għerf: "Il-ħażen minnu nnifsu beżżiegħi, jixli u jikkundanna lilu nnifsu, u taħt it-tingiż tal-kuxjenza jkabbar aktar il-ħsara" (17,11-12). Il-biża' jiġi meta wieħed jitlaq l-għajnuna ġejja mir-raġuni. Imbagħad, kuntrarju għal dan, San Ġwann (1 Ġw 3,21) jgħallem illi "jekk il-kuxjenza tagħna ma ċċanfarniex, aħna qalbna qawwija quddiem Alla" (ara *Mor. Job*, XXVII. xxv).

Dan it-tagħlim profond u attwali San Girgor jiktbu fil-ktieb dwar Ġob! Dan kollu jiswa għalina llum li rridu nfittxu l-verità kollha kemm hi, b'mod partikulari dwar in-natura taż-żwieġ. Kif fissirna aktar 'il fuq, kemm dawk li għandhom il-fidi Nisranija kif ukoll dawk li ma jridux jaraw bil-fidi, ilkoll jieklu mill-istess ħaxix. Fi Kristu nsibu l-konferma ta' din il-verità; anzi, fi Kristu għandna l-verità! Kien għalhekk li Kristu ma weġibx meta Pilatu staqsieh x'inhi l-verità: għax Ġesù jinkarna l-istess verità. Il-verità Kristjana ma tmurx kontra r-raġuni, ma tmurx kontra n-natura tal-bniedem. Għall-kuntrarju, meta nitfgħuha taħt riglejna, inkunu qed nipperikolaw li nħassqu d-dinjità tal-persuna umana.

### Infittxu l-verità

Fl-enċiklika *Iucunda sane*, il-Papa Piju X jgħid li San Girgor bil-kontribut li ta għen biex ikollna soċjetà aħjar u ħajja tal-familja. Bit-tagħlim fuq il-liġi naturali San Girgor ta kontribut għat-tisħiħ tal-familja – u dik hija l-missjoni tagħna lkoll. Għandi ħerqa kbira li t-tfittix ta' x'inhi l-verità jimpenjana ħajjitna kollha sakemm imbagħad naraw lil Alla wiċċ imb wiċċ. Alla li hu l-verità fiha nfisha jwassalna biex insibu risposti illi jgħinuna ngħixu bid-dinjità li tixirqilna.

Mhux biss. Nagħraf li lkoll għandna r-responsabbiltà li fid-diskussjoni pubblika li għaddejja dwar iż-żwieġ, diskussjoni li għandha twassal għal ċerti għażliet li aħna ser ikollna nagħmlu, aħna ngħinu biex il-verità dwar iż-żwieġ indawluha mhux biss bil-liġi divina pożittiva, u allura bil-kelma li għallimna Kristu – "dak li jgħaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem" – , imma wkoll bil-qawwa tar-raġuni li għandha tgħinna niskopru l-liġi li Alla kiteb fil-qlub tal-bnedmin. B'dan il-mod aħna mhux biss nevitaw li nagħmlu żbalji li rridu nwieġbu għalihom, fis-sens li nevitaw li nagħmlu għażliet moralment ħżiena, bil-konsegwenza li min jikkawża l-ħsara għandu d-dmir li jirripara, imma nkunu nagħtu kontribut biex ikollna soċjetà mibnija fuq il-verità. Nitolbu lil San Girgor il-Kbir biex kif hu kien dawl fiż-żminijiet tad-dlam, illum l-Insara jkunu wkoll dawl għal żminijietna.

# IL-LITURĠIJA TGĦINNA NSIRU NAFU AKTAR LIL ĠESÙ

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech**

**Ċelebrazzjoni ta' Ħadd il-Palm -Knisja Katidrali, Rabat – Il-Ħadd 17 ta' April 2011**

### Il-Liturġija tkellimna

Bdejna ġimgħa partikulari li għandi nifhem tqanqlilna diversi mistoqsijiet, uħud anqas importanti u oħrajn aktar serji. Hemm min jistaqsi jekk f'soċjetà sekularizzata bħal tagħna, għadux jagħmel sens li nagħmlu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet! X'sens hemm li din il-ġimgħa tibqa' mgħobbija b'ħafna *pageants*? Forsi aħjar jinqatgħu?

Hemm min iqanqal il-mistoqsija dwar x'inhi s-sustanza ta' dawn il-jiem: it-teatrini u l-*pageants* jew il-misteru li aħna sejrin nieqfu biex nirriflettu dwaru u niċċelebraw?

Imbagħad hemm domandi ferm aktar serji: Għaliex din it-tbatija? X'inhi r-risposta tagħna quddiem il-misteru tal-ħażen?

Fuq kollox imbagħad hemm mistoqsija fundamentali – dik il-mistoqsija li għamel il-poplu li kien jgħammar f'Ġerusalemm meta Kristu daħal fil-belt u kien milqugħ bil-palm u ż-żebbuġ: "Dan min hu?". Naħseb li nkunu qed nitilfu l-okkażjoni jekk matul dawn il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, l-ewwel nett aħna ma nqanqlux dawk id-domandi, jekk dawk id-domandi nifgawhom ġewwa fina, u jekk aħna ma nagħmlux din id-domanda fundamentali: "Min hu l-imsallab?".

### Jeħtieġ insiru nafu aktar lil Ġesù!

Minkejja l-għarfien u l-konvinzjonijiet anke reliġjużi li għandna, għadna 'l bogħod mill-verità. Madwarna hemm ħafna x'jista' jikkonfermali li aħna ma nafux min hu Ġesù Kristu. Il-konoxxenza li għandna ta' Ġesù hija fqira ħafna. Nerġa' ngħid, ikun żball kbir għall-komunità Nisranija u għas-soċjetà in ġenerali jekk f'dawn it-tmint ijiem, mil-lum sa bħal-lum ġimgħa, il-liturġija li niċċelebraw u

l-manifestazzjonijiet reliġjużi li għandna madwarna ma jqanqlux f'kull wieħed u waħda minna, kbar u żgħar, il-mistqosija: "Min hu Ġesù Kristu?" Din hi d-domanda li għandha tqajjimna minn ċerta telqa u bruda spiritwali.

Din id-domanda għandha twassal għal dik l-affermazzjoni li, kif insibu fir-rakkont tal-passjoni, saret minn dawk li kienu għassa maċ-Ċenturjun ma' Ġesù imsallab: "Dan kien tassew l-Iben t'Alla" (Mt 27,54). Interessanti li din l-istqarrija tal-fidi ma saritx minn dawk li kienu deħlin u ħerġin mit-tempju, imma mill- "pagani"!

Fil-bidu ta' din il-Ġimgħa Mqaddsa nitolbu bil-ħeġġa lill-Ispirtu s-Santu biex f'dawn il-mumenti ta' grazzja – mumenti ta' ġabra, riflessjoni u talb – aħna nippruvaw insibu t-tweġiba għal dik id-domanda li hemm fil-ġewwieni tagħna: dan min hu? Kemm ikun opportun għalina, aħna li nieklu l-għetiebi tal-knejjes, li bħall-"pagani" naslu biex nagħmlu stqarrija tal-fidi: dan hu l-Iben t'Alla li ġie biex jifdi lill-umanità! Hemm qliegħ kbir għal min bħal-Lhud ta' Ġerusalemm jasal biex jikkonkludi li "dan hu l-profeta Ġesù minn Nazaret tal-Galilija" (Mt 21,11). Dan hu dak li għandna bżonn anke llum biex insibu r-risposti għal ħafna domandi li qegħdin itaqqlu l-imħuħ u l-qlub tagħna.

**It-tifsira tal-istqarrija tal-fidi tagħna**

Is-Sibt li ġej, meta mal-Knisja nibqgħu mqajmin nishru biex niltaqgħu ma' Kristu mqajjem mill-mewt, il-Knisja tistedinna biex nagħmlu l-istqarrija tal-fidi tagħna. Dik mhix stqarrija awtomatika jew formali, imma hija tiġdid tal-għażla tagħna favur Alla u għalhekk titlob preparazzjoni.

Għalhekk fil-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa nagħmel stedina u appell lill-Knisja kollha f'Għawdex: li f'dawn il-jiem nerġgħu inqanqlu ċerti domandi, ma nħalluhomx imdendlin, imma nfittxu nsibu t-tweġiba tagħna ħalli dakinhar li nagħmlu l-istqarrija tal-fidi, nistqarru l-fidi tagħna f'Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla li sar bniedem, bata u miet u qam għalina - Ġesù Kristu l-Feddej tagħna.

Bi pjaċir nilqa' fostna dalgħodu membri tal-Komunità Neo-Katekumenali, li wara mixja ta' tħejjija sejrin jagħmlu "passaġġ" ieħor imfisser proprju bl-istqarija tal-fidi. Fil-bidu ta' din iċ-ċelebrazzjoni (il-purċissjoni li nagħmlu fil-bidu bil-palm u ż-żebbuġ mhix xi ħaġa aċċessorja għall-funzjoni tal-lum kif ħafna għadhom jaħsbu, imma hija azzjoni waħda) jiena tajt il-palma lil kull wieħed u waħda minn dawn ħutna li ser jagħmlu l-passaġġ. Jien u nagħtihom il-palma għidtilhom: "Ħudu din il-palma tal-martirju li tkun għalikom sinjal tar-rebħa li jwassalkom għall-ħajja ta' dejjem." Kemm nixtieq li dik il-palma dalgħodu nagħtiha mhux biss lilkom imma 'l kull wieħed u waħda li huma membri tal-Knisja ta' Kristu f'Għawdex! Imma dik il-Palma nirċevuha jekk aħna nagħmlu l-istqarrija tal-fidi, kif minn hawn u ftit mumenti oħra sejrin jagħmlu dawn l-aħwa. Dalgħodu aħna mhux biss aħna xhieda ta' din il-fidi tagħhom f'Ġesù Kristu, imma l-preżenza u x-xhieda tagħhom lilna jixprunawna ħalli fil-jiem li ġejjin inkunu aktar serji u ngħixu dawn il-mumenti tal-Ġimgħa Mqaddsa fit-tħejjija ħalli fit-Tridu Mqaddes tal-Għid aħna nistqarru l-fidi tagħna f'Ġesù Kristu l-Feddej tagħna lkoll.

# SOĊJETÀ LI TARA SA MNEĦIRHA

*Nhar il-Ħadd 3 ta' April 2011, l-Isqof Mario Grech mexxa quddiesa fil-knisja parrokkjali ta' Paola (Raħal Ġdid) u wara bierek statwa ta' Ġesù Redentur li tqiegħdet fil-kappella tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Wara l-quddiesa, il-ħabsin ġarrew din l-istatwa mill-knisja parrokkjali sal-Faċilità Korrettiva. Matul it-triq saret it-talba tal-Via Crucis. Din hi sintesi tal-omelija tal-Isqof Grech:*

Hemm ir-riskju li l-bniedem tal-lum jara biss sa mnieħru, bil-konsegwenza li ma jarax x'effetti jista' jkollhom fil-futur id-deċiżjonijiet li jagħmel illum.

Illum qed infasslu soċjetà mingħajr Alla! Il-bniedem jista' jorganizza s-soċjetà mingħajr Alla, imma soċjetà mingħajr Alla ddur kontra l-bniedem innifsu. Effett ta' dan ir-rifjut ta' Alla, tfajna l-kmandamenti t'Alla taħt riġlejna tant li nfirxet il-vjolenza, far il-gideb, kotor is-serq, żdied il-qtil, u aċċettajna l-adulterju. Ftit għandhom valur u huma effettivi għall-ordni pubbliku l-liġijiet tal-pajjiż jekk dawn ma jkunux iserrħu fuq il-liġi t'Alla.

Tant qed naraw sa mneħirna li qed niddiskutu jekk iż-żwieġ għandux ikun dejjiemi jew jinħall bid-divorzju. Fuq għajnejna għandna għamad li mhux iħallina naraw il-qerda umana li jġib miegħu d-dħul tad-divorzju f'pajjiżna. Min għandu għajnejh miftuħa u jħares madwaru għandu jinduna li d-dħul tad-divorzju aktar fih telf milli qligħ.

Iż-żlieġa f'għajnejna mhix tħallina niddistingwu l-għemil ħażin, li huwa kundannabbli, u l-bniedem li jiżbalja, li għandna nuruh mogħdrija u mħabba. Ħutna li hemm fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin mhumiex persuni irrekuperabbli imma nemmnu li jistgħu jirriformaw ħajjithom u x'ħin ikun il-waqt jiġu integrati fis-soċjetà. Bħal Alla qatt ma għandna naqtgħu qalbna minn ebda bniedem.

**Nota tad-Direzzjoni:**

Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.